IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 27.7.2010
KUMM(2010)404 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI AU PARLEMENT EUROPÉEN ET AU CONSEIL

It-tqegħid fis-suq ta' repliki ta' armi tan-nar

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

It-tqegħid fis-suq ta' repliki ta' armi tan-nar

Dan ir-rapport isegwi l-Artikolu 17 tad-Direttiva 91/477/KEE tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi, kif emendata bid-Direttiva 2008/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008.

1. ID-DIRETTIVA 2008/51/KE LI TEMENDA D-DIRETTIVA 91/477/KEE U L-KWISTJONI TAR-REPLIKI TA' ARMI TAN-NAR

1.1. Id-dehra tal-problema tar-repliki ta' armi tan-nar fil-kuntest tax-xogħlijiet leġiżlattivi li wasslu għall-adozzjoni tad-Direttiva 2008/51/KE hija kkawżata mill-integrazzjoni ta' tħassib dwar is-sigurtà f'direttiva li, oriġinarjament, kienet biss direttiva li l-għan ġenerali tagħha kien li tissimplifika, bil-garanziji ta' sigurtà meħtieġa, iċ-ċirkolazzjoni tal-armi tan-nar ċivili fis-Suq Intern.

1.2. Matul id-diskussjoni tad-Direttiva emendata fil-Parlament Ewropew, madankollu, ċerti esperti tal-pulizija, mistednin minn Membri Parlamentari, esponew l-effetti kriminali li jista' jkollu l-użu, pereżempju, ta' pistoli ta' allarm (jew maħsubin sabiex jisparaw il-blanks), konvertiti f'armi tan-nar ta' veru minn delinkwenti.

Dan it-tħassib kellu bħala konsegwenza diretta li d-definizzjoni fid-Direttiva emendata ta' arma tan-nar, estratta kważi kelma b'kelma mill-"Protokoll tal-Armi tan-Nar"[1], tinkludi kwalunkwe oġġett "*kapaċi li jiġi konvertit biex jispara tir, balla jew projettili permezz tal-azzjoni ta' propellant kombustibbli jekk ikollu l-apparenza ta' arma tan-nar, u bħala riżultat tal-kostruzzjoni tiegħu jew tal-materjal li jkun magħmul minnu jkun jista' jiġi faċilment konvertit hekk*".

1.3. Għalhekk, id-Direttiva ma tapplikax għall-prodotti l-oħrajn li għandhom id-dehra ta' arma tan-nar, bħar-repliki tal-armi tan-nar, li d-Direttiva ma tagħtix definizzjoni tagħhom.

2. IR-REPLIKI TAL-ARMI TAN-NAR : DEFINIZZJONIJIET DIFFERENTI MINN STAT MEMBRU GHAL IEHOR

2.1. Il-"Protokoll tal-Armi tan-Nar" ma joffrix kriterju verament operattiv għal dan ir-rapport fid-definizzjoni tiegħu ta' "arma tan-nar" : fl-Artikolu 3 tiegħu, iddedikat għad-definizzjoni ta' arma tan-nar, jinkludi biss, fl-assimilazzjoni ta' arma tan-nar, l-oġġetti li jistgħu "*faċilment jiġu ttrasformati għal dan il-għan*".

2.2. It-terminu "repliki" jkopri oġġetti pjuttost differenti minn Stat Membru għal ieħor u li huma ta' natura, kumplessità jew periklu varjabbli b'mod eminenti; diversi oġġetti

[1] Protokoll kontra l-manifattura u t-traffikar illegali ta' armi tan-nar u tal-bċejjeċ, l-elementi jew il-munizzjonijiet tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità transnazzjonali organizzata - http://www.unodc.org/pdf/crime/a_res_55/255e.pdf.

jistgħu b'hekk, bejn wieħed u ieħor, jiġu kkunsidrati bħala repliki ta' armi tan-nar. Fil-fatt, it-terminu replika ta' arma tan-nar jidher li jista' japplika għal oġġetti li għandhom relazzjoni li tvarja minn xebh sempliċi sa li jkunu totalment identiċi ma' arma tan-nar vera u proprja.

2.3. Denominazzjonijiet oħrajn jistgħu ugwalment jitħalltu ma' dawk tar-repliki : riproduzzjonijiet, imitazzjonijiet u kopji. Jidher għalhekk neċessarju li jiġu elenkati xi oġġetti li s-sens komun jista' jassimila, mill-viċin jew mill-bogħod, mar-repliki.

2.4. Ċerti liġijiet jużaw b'dan il-mod it-terminu ta' replika għal armi maħsubin strettament biex ikunu identiċi, bl-istess dehra u l-istess karatteristiċi tal-arma oriġinali. Nafu li nies tas-sengħa b'esperjenza, f'postijiet differenti tad-dinja, jistgħu jikkuppjaw u b'xi mod "jikklonaw" arma mill-mudell oriġinali. Huwa ċar li jekk dawn l-armi ma jkunux manifatturati b'liċenzja kummerċjali u b'osservanza tar-regolamenti kollha, nazzjonali jew Ewropej, il-manifattura, iż-żamma, u iktar u iktar l-użu tagħhom, jaqgħu taħt l-illegalità pura.

2.5. "Repliki" oħrajn huma ugwalment speċi ta' "kloni" ta' armi reali. Iżda, bid-differenza ta' dawk preċedenti, dawn jissejħu "inerti", jew xi kultant "armi tat-tiżjin", jew inkella armi "fittizji". Il-qafas jista' jkun tal-metall jew tal-plastik, il-piż jista' jkun komparabbli jew ħafna eħfef, iżda fi kwalunkwe każ dawn l-oġġetti huma perfettament inkapaċi li jisparaw jew li jiġu kkargati b'ammunizzjonijiet. Dawn l-oġġetti huma fuq kollox popolari fost il-kollezzjonisti veri u proprji.

2.6. Ċerti pistoli (essenzjalment armi tal-id), armi tan-nar ta' veru, isiru, taħt liċenzja kummerċjali partikolari u speċifika, prodotti żnaturati. B'hekk, il-produttur ta' pistola reali, ikun jista' jbiegħ il-liċenzja ta' manifattura tiegħu lil produttur ieħor li jikkopja realment u legalment il-mudell inkwistjoni iżda biss biex jagħmel pistola tal-prietken taċ-ċomb, u/jew destinata sempliċement għall-isparar tal-blanks jew l-isparar ta' allarm.

2.7. L-armi ta' allarm ġeneralment jistgħu, fil-fatt, sikwit jimitaw b'mod pjuttost realistiku armi tan-nar ta' veru (madankollu mingħajr ma neċessarjament jikkupjaw mudell preċiż). Skont il-Kummissjoni Internazzjonali Permanenti għall-Prova tal-Armi tan-Nar Portabbli[2] (CIP), kull apparat portabbli mhux maħsub biex jispara projettili solidi huwa kkunsidrat bħala arma ta' allarm. Arma ta' allarm b'hekk tista' tispara skratać vojta, tal-gass u tal-gass tad-dmugħ.

3. PRODOTTI OHRAJN JURU XEBH MA' ARMI TAN-NAR MINGHAJR MA JKUNU KOMUNEMENT ASSIMILATI MA' REPLIKI

3.1. B'hekk, imitazzjonijiet xi ftit jew wisq realistiċi ta' armi tan-nar jintużaw fil-kuntest ta' attivitajiet ta' divertiment jew delizzji relattivament ġodda, bħall-"*airsoft*" ; f'dan il-każ, din hija attività ta' delizzju li tieħu l-forma ta' logħba li tpoġġi f'oppożizzjoni ġeneralment żewġ timijiet, li l-plejers tagħhom ikunu armati b'imitazzjoni ta' arma (ġeneralment tal-plastik) li tispara bil-gass jew bl-arja kompressa balal ta' 6 mm jew 8mm tal-plastik. Il-qawwa tal-propulsjoni hija ġeneralment ta' bejn 2 u 7 joules.

---

[2] Is-CIP hija organizzazzjoni internazzjonali li tħaddan fiha 13-il pajjiż, fejn 11 minnhom jappartjenu għall-Unjoni Ewropea.

3.2. L-hekk imsejħa pistoli taċ-ċomb jistgħu xi kultant jixbhu pistola ta' vera (iżda lanqas mhuma neċessarjament imitazzjonijiet ta' mudell partikolari). Dawn jisparaw skrataċ li jkun fihom balal żgħar tal-azzar/ċomb jew tal-gomma. Il-prinċipju tal-propulsjoni bil-gass jibqa' l-istess ħlief għall-pistoli tal-*airsoft*, fejn id-differenza essenzjali tinsab fin-natura tal-gomma użata.

3.3. Oġġetti oħrajn joffru ċertu xebh ma' armi tan-nar, mingħajr ma neċessarjament jimitawhom b'mod realistiku ħafna : nistgħu b'hekk insemmu l-launchers użati fil-prattika tal-"paintball". Din hija attività ta' delizzju, ipprattikata fuq artijiet privati ta' tip naturali jew urban, li tista' tiġi deskritta bħala logħba li tpoġġi f'oppożizzjoni, ġeneralment, plejers armati b'launcher ta' propulsjoni bil-gass jew bl-arja kompressa ta' balal taż-żebgħa. Il-balal taż-żebgħa jiġu sparati b'enerġija ta' bejn 10 u 13 joules.

3.4. Oġġetti oħrajn jistgħu wkoll juru ċertu xebh ma' armi tan-nar ta' veru, f'dan il-każ il-pistoli għall-qtil tal-annimali jew inkella l-pistoli ta' periklu/sinjalazzjoni.

3.5. It-terminu "repliki" jista' wkoll, f'ċerti terminoloġiji, japplika għal riproduzzjonijiet ta' armi antiki: dawn l-oġġetti jirripoduċu xi ftit jew wisq lealment (iżda kultant perfettament) mudelli ta' armi storiċi, mislufin għall-okkażjoni minn mużewijiet, li huma allura kkuppjati sabiex jinbiegħu lill-kollezzjonisti.

3.6. Finalment, għandna nfakkru li direttiva speċifika tiċċara d-distinzjoni li għandha ssir bejn "replika" ta' arma tan-nar u ġugarell. Skont il-punt 20 tal-Anness I tad-Direttiva 88/378/KEE, fil-fatt, ir-"*riproduzzjoni eżatta ta' armi tan-nar ta' veru*" ma tistax tiġi kkunsidrata bħala ġugarell[3]. Barra minn hekk, din l-esklużjoni ser tiġi ppreċiżata u mfassla mid-Direttiva ġdida 2009/48/KE li tħassar id-Direttiva 88/378/KEE u għandha tiġi trasposta fil-liġiijiet nazzjonali qabel l-20 ta' Jannar 2011.

4. REPLIKI TA' ARMI TAN-NAR: XI ASPETTI EKONOMIĊI ĠENERALI

4.1. Fl-indikazzjonijiet tal-Eurostat, il-pistoli bil-molla, bl-arja jew bil-gass, bħal-lenbubi, huma inklużi fl-istess kategorija statistika[4].

4.2. Rigward il-produzzjoni fl-UE evalwata f'din il-kategorija, nosservaw tendenza relattivament stabbli matul l-aħħar ħames snin, li laħqet ammont ta' madwar 190 miljun euro fl-2008. Il-produzzjoni f'volumi turi ċerta żieda, li tilħaq miljun unità fl-2008. Skont l-istatistiċi disponibbli, l-4 pajjiżi produtturi prinċipali fl-Unjoni huma l-Ġermanja (fejn tinsab popolazzjoni importanti ħafna ta' tiraturi sportivi – madwar 1,7 miljun liċenzjat), l-Italja, ir-Renju Unit u Spanja.

---

[3] L-Artikolu 1 tad-Direttiva 88/378/KEE: "Din id-Direttiva tgħodd għall-ġugarelli. 'Ġugarell' ifisser kull prodott jew materjal iddisinjat jew maħsub biċ-ċar biex jintuża waqt il-logħob minn tfal ta' inqas minn 14-il sena".

[4] L-istatistiċi tal-Eurostat jiddistingwu bejn il-kategoriji "Armi tan-Nar" u "Armi Oħrajn". *Armi tan-Nar: rivolvers u pistoli, snieter tal-kaċċa, snieter, xkubetti u muzzle-loaders (minbarra l-użu militari). Armi oħrajn: snieter u pistoli bil-molla, arja jew gass u lembubi (minbarra l-użu militari)*





4.3. L-importazzjonijiet lejn l-UE minn pajjiżi terzi kienu qrib il-EUR 50 miljun fl-2008. Dejjem skont l-Eurostat, il-forniturі prinċipali tas-suq Ewropew huma ċ-Ċina, l-Istati Uniti, it-Tajwan u l-Ġappun. Għandna ugwalment nippreċiżaw li produzzjoni pjuttost importanti ta' pistoli bi prietken taċ-ċomb u ta' allarm tinsab fit-Turkija u fir-Russja.



	2004	2005	2006	2007	2008
Armi tan-nar	50,412,120	53,281,250	52,532,160	56,869,810	52,254,710
Armi oħrajn	25,324,410	26,514,070	28,613,490	43,869,020	49,030,130

L-esportazzjonijiet mill-UE lejn pajjiżi terzi joqorbu l-EUR 55 miljun. *Id-destinazzjonijiet prinċipali huma l-Istati Uniti, ir-Russja, l-Emirati Għarab Uniti, l-Arabja Sawdija u l-Ukraina.*



	2004	2005	2006	2007	2008
Armi oħrajn	35,089,070	34,110,940	42,636,980	52,956,700	55,902,570
Firearms	301,750,560	297,584,350	325,416,340	347,770,490	348,585,950

4.4. Il-kummerċ fi ħdan l-UE baqa' b'valur relattivament stabbli fl-2008, u jinsab qrib it-EUR 53 miljun. Il-forniturі prinċipali huma l-Ġermanja u Spanja. Ix-xerrejja prinċipali huma Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Italja.



5. IL-KWESTJONARJU DWAR IR-REPLIKI TAL-ARMI TAN-NAR IMFASSAL MIS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI

5.1. Sabiex jippruvaw jifhmu bil-mod l-aktar komplut il-problema tar-"repliki" tal-armi tan-nar, is-servizzi tal-Kummissjoni żviluppaw kwestjonarju li ntbagħat lill-Istati Membri kollha f'Lulju 2009.

5.2. L-ambitu tad-domandi li saru kien l-usa' possibbli, u kien jirrigwarda l-aspetti li ġejjin :

(a) ta' sigurtà jew ta' pulizija amministrattiva, (statistiċi tal-pulizija dwar ir-reati u delitti li jinvolvu repliki, restrizzjonijiet fil-portijiet jew fuq wirjiet fil-pubbliku...);

(b) leġiżlattivi jew regolamentari, destinati b'mod partikolari biex isir magħruf liema Stati Membri jiddistingwu diġà r-repliki tal-armi tan-nar fil-liġi tagħhom u, jekk iva, liema dispożizzjonijiet japplikaw (tqegħid fis-suq, applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għar-repliki impurtati u ttrasferiti minn Stati Membri oħrajn...);

(c) ekonomiċi, sabiex jipprova jiġi stmat il-piż ekonomiku tar-repliki;

(d) marbutin mal-konverżjoni eventwali tar-repliki bħall-eżistenza ta' standards jew ta' proċeduri ta' "antikonverżjoni" li jħaddnu l-manifattura u/jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni.

5.3. L-Istati Membri kollha rrispondew għal dan il-kwestjonarju, li mtela permezz ta' laqgħat kemm mal-awtoritajiet amministrattivi inkarigati minn dawn il-problemi (il-

Ministeri tal-Intern jew tal-Ġustizzja, essenzjalment) kif ukoll mar-rappreżentanti tal-industrija, ma' bejjiegħa bl-imnut jew inkella mal-kategoriji soċjoprofessjonali l-aktar interessati mill-iżviluppi tad-Direttiva 91/477/KEE.

5.4. Finalment, ir-riżultati tal-konsultazzjoni tal-Istati Membri permezz tal-kwestjonarju ġew esposti b'mod sintetiku lir-rappreżentanti tagħhom fl-okkażjoni tat-tieni laqgħa tal-Grupp ta' Kuntatt stabbilit mid-Direttiva 2008/51/KE, li saret fi Brussell, fit-8 ta' Marzu 2010.

6. IR-RISPOSTI GĦALL-KWESTJONARJU TAL-ISTATI MEMBRI: ARTIKOLAZZJONI FI TLIET KATEGORIJI

6.1. L-ewwel kategorija tinkludi l-Istati Membri li ma jintegrawx, jew ma jintegrawx verament, il-kunċett ta' replika fil-liġi tagħhom : insibu l-Lussemburgu, il-Greċja, il-Latvja, l-Estonja, id-Danimarka, Ċipru, is-Slovenja, il-Bulgarija u l-Finlandja. Dawn l-Istati Membri jippreżentaw dawn il-karatteristiċi :

- ma jirrikonoxxux problema kbira ta' ordni pubblika marbuta mal-użu ta' repliki;
- ma jagħmlux distinzjoni bejn il-kapaċità f'joules tal-prodotti inkwistjoni;
- dan ma jwaqqafhomx milli jadottaw, f'ċerti ċirkostanzi, miżuri partikolari ħafna ta' ordni pubblika jew ta' pulizija amministrattiva, bħall-projbizzjoni ta' pussess jew ta' wiri ta' oġġetti li jimitaw armi tan-nar f'postijiet pubbliċi.

6.2. It-tieni kategorija tinkludi 15-il Stat Membru : Franza, ir-Rumanija, l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, Malta, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovakkja, l-Isvezja u l-Ġermanja. Din tħaddan il-leġiżlazzjonijiet fejn il-kunċett ta' replika (jew ta' riproduzzjoni) tal-armi tan-nar jista' jidher b'mod aktar operattiv, madankollu mingħajr ma jkunu rrappurtati problemi partikolari jew sinifikanti. Ninnutaw ukoll li :

- - il-linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jibqa' assimilat ma' replika u dak li jaqa' aktar taħt ir-regolamentazzjoni tal-armi tan-nar ta' veru (pereżempju, is-sistemi ta' dikjarazzjoni, awtorizzazzjoni, trasport) hija spiss ibbażata fuq limitu espress f'joules ;
- spiss jintuża l-limitu ta' 7,5 joules, iżda l-liġijiet dwar l-armi tan-nar jistgħu diġà jkunu applikabbli mill-ewwel joule, hekk kif jistgħu jkunu operattivi biss minn 17-il joule;
- l-għażla ta' limitu (1, 7,5, 17J) ma jimplikax neċessarjament li r-repliki li jaqbżu dan il-limitu jkunu, f'kull punt, sottomessi għall-istess restrizzjonijiet bħal tal-armi tan-nar ta' veru ; b'hekk, l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-armi tan-nar tista' sempliċement tkun trid tgħid li l-bejgħ tar-replika hija sottomessa għas-sistema tad-dikjarazzjoni, jew tal-awtorizzazzjoni, jew inkella li sempliċement ma tistax tinbiegħ lill-minorenni ;

– miżuri komplementari jistgħu jiġu applikati sabiex jiggarantixxu li dan il-limitu ma jinqabiżx. B'hekk, fil-każ tal-Ġermanja, kontroll addizzjonali jirriżulta minn timbru[5] ta' korp partikolari (*Physikalish-Technische Bundesantalt*), li huwa meħtieġ għall-produzzjoni ta' ċerti tipi ta' pistoli ta' allarm. It-timbru jiggarantixxi li l-qawwa tal-pistola ta' allarm ma taqbiżx il-limitu nazzjonali ta' 7,5 Joules.

6.3. It-tielet kategorija tikkonsisti fi grupp ta' tliet Stati Membri (il-Portugall, l-Olanda, u r-Renju Unit), li l-liġijiet tagħhom jippruvaw jinkwadraw aktar fil-livell regolamentari jew leġiżlattiv id-definizzjoni ta' repliki/riproduzzjonijiet/ "imitazzjonijiet realistiċi". Dawn l-Istati Membri jesprimu ugwalment tħassib ta' intensità varjabbli dwar il-konvertibbiltà ta' ċerti repliki u t-tqegħid tagħhom fis-suq:

– il-liġi Olandiża tipprojbixxi notevolment il-bejgħ u t-tqegħid fis-suq ta' ċerti repliki ta' armi tan-nar, bil-kapaċità li jisparaw projettili jew le u li jkunu jistgħu jiġu konvertiti f'armi tan-nar ta' veru jew le; b'mod evidenti mhuwiex sorprendenti, f'dan il-kuntest, li l-awtoritajiet doganali u tal-pulizija jistgħu jinkwetaw dwar ix-xiri mir-residenti tagħhom ta' prodotti ta' dan it-tip mill-pajjiżi ġirien ;

– ir-Renju Unit u l-Portugall jirrikjedu marki partikolari fuq ċerti repliki: imitazzjonijiet realistiċi ta' armi tan-nar – *realistic imitation firearms* – għar-Renju Unit, u repliki għal użu rikreattiv għall-Portugall (essenzjalment dawk użati fil-kuntest tal-"paintball" jew l-"airsoft") sabiex jippruvaw jevitaw kull konfużjoni ma' armi tan-nar ta' veru ; il-kriterju ta' periklu kkunsidrat hawn, allura, ma għadux il-kapaċità ta' espulsjoni ta' projettili, u lanqas il-grad ta' "konvertibbiltà", iżda l-grad ta' imitazzjoni jew realiżmu relatat ma' arma reali;

– ir-Renju Unit jesprimi, barra minn hekk, tħassib partikolari li jirriżulta mill-fatt li l-pajjiżi ġirien għandhom, b'mod ġenerali, regolamenti inqas stretti dwar is-suġġett tat-tqegħid fis-suq ta' ċerti pistoli ta' allarm li l-konverżjoni illegali tagħhom suppost hija possibbli. Minħabba li t-tqegħid fis-suq (u allura l-importazzjoni) ta' dawn il-pistoli ta' allarm huwa pprojbit fir-Renju Unit, il-kontroll ta' din il-projbizzjoni timplika żieda ta' operazzjonijiet min-naħa tal-awtoritajiet responsabbli.

7. IT-TAGĦLIMIET PRINĊIPALI TAL-KWESTJONARJU

7.1. L-ewwel kumment jirrigwarda l-fatt li r-realtà statistika mhix dejjem faċli li tiġi mifhuma mill-amministrazzjonijiet stess, notevolment f'dak li jikkonċerna l-għadd ta' oġġetti fiċ-ċirkolazzjoni jew inkella l-ħsarat għas-sigurtà tal-beni u tal-persuni -u aktar u aktar il-gravità tagħhom- ikkawżati jew iffaċilitati mill-użu ta' repliki[6].

7.2. Jibqa' l-fatt li l-problemi ta' sigurtà, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet irrappurtati mill-Istati Membri, jidhru fuq kollox marbuta mal-konverżjoni illegali tal-pistoli ta'

---

5 Jidher permezz tas-sinjal PTB miktub ġo ċirku.

6 Minbarra l-Olanda li tippreżenta statistiċi preċiżi li madankollu jirrigwardaw oġġetti inqas preċiżi kkategorizzati bħala "look-a-likes", u r-Renju Unit li jirrapporta madwar 1500 reat jew delitt ("offences") għas-sena 2007/2008 imwettqa b'imitazzjonijiet "realistiċi" jew inqas realistiċi.

allarm sabiex ikunu kapaċi jisparaw balal ta' veru. L-armi antiki jew riproduzzjonijiet ta' tali oġġetti mhumiex identifikati bħala theddida għas-sigurtà tal-beni u tal-persuni.

7.3. Huwa mfakkar fir-risposti li oġġett li jikkostitwixxi imitazzjoni realistika ta' arma tan-nar (arma fittizja li timita pistola jew rivolver) jista' jkollu effett intimidanti u jintuża fil-kuntest ta' azzjoni ħażina. Tali użu jista' evidentement jirriżulta bħala ħafna aktar perikoluż għall-kriminal involut minħabba reazzjoni armata possibbli, notevolment mill-pulizija li titqies fi stat ta' difiża leġittima.

7.4. Il-każijiet irrappurtati ta' konverżjoni illegali tal-pistoli ta' allarm u, aktar ġeneralment, ta' użu malizzjuż ta' repliki f'intimidazzjonijiet jew hold-ups għandhom madankollu jiġu relativizzati fir-rigward tal-għadd, pjuttost għoli fi ħdan l-Unjoni Ewropea, ta' pistoli ta' allarm (jew li kapaċi jisparaw il-blanks). Jekk inżidu ma' dawn il-kategoriji l-airsofts, naslu, fl-eżempju tal-Ġermanja, għal stima ta' bejn 15 u 18-il miljun prodott miżmum.

7.5. Għandu jiġi osservat ukoll li ċerti repliki (b'mod partikolari pistoli ta' allarm) jistgħu kultant ikollhom użu f'kuntest ta' awtodifiża; jistgħu b'hekk jiddevjaw lill-possessur tagħhom, li jkollu tħassib xi ftit jew wisq leġittimu rigward is-sigurtà personali tiegħu, mit-tentazzjoni li jitlob liċenzja ta' pussess ta' arma ta' veru jew, aktar tal-biża', milli jikseb arma ta' veru illegalment.

7.6. Għadd tajjeb ta' pajjiżi mill-Unjoni ma għandhom ebda produzzjoni ta' oġġetti ta' dan it-tip, ma jissenjalaw ebda problema maġġuri u ma għandhomx statistiċi informattivi rigward id-detenturi ta' repliki tal-armi tan-nar.

7.7. Għadd żgħir ta' Stati Membri jirrappurtaw xi kultant tħassib marbut mal-movimenti transkonfinali ta' repliki tal-armi tan-nar, speċjalment meta l-liġi tagħhom hija diġà restrittiva ħafna. Ċerti pistoli ta' allarm prodotti barra mill-fruntieri tal-UE huma barra minn hekk oġġetti ta' tħassib partikolari marbutin mal-mod ta' manifattura tagħhom li jagħmilhom wisq faċili li jsiru konvertibbli, jiġifieri li kapaċi jisparaw balal ta' veru.

7.8. Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-pajjiżi membri tal-Kummissjoni Internazzjonali Permanenti għall-Prova tal-Armi tan-Nar Portabbli (CIP), li tiġbor il-biċċa l-kbira tal-produtturi tal-Unjoni Ewropea, diġà jissottomettu l-pistoli ta' allarm għal provi ta' approvazzjoni, ta' denominazzjoni tat-tip, il-konformità tal-qisien essenzjali, ir-reżistenza u s-sigurtà ta' funzjonament.

8. ID-DETENTURI TA' REPLIKI

8.1. Il-pussessuri ta' oġġetti ta' tip "repliki" jidentifikaw irwieħhom biss parzjalment ħafna mal-"utenti" klassiċi ta' armi tan-nar, li huma essenzjalment kaċċaturi, tiraturi sportivi u kategoriji oħrajn ta' possessuri ta' armi tan-nar, kif ukoll, naturalment, il-produtturi u l-bejjiegħa bl-imnut ta' armi tan-nar.

8.2. It-tieni grupp ta' detenturi ta' repliki huwa kostitwit mill-kollezzjonisti ta' armi, imsejħa antiki jew le, jew riproduzzjonijiet ta' dawn. Ta' min wieħed jinnota li għadd minnhom iġemmgħu pistoli ta' allarm li jimitaw armi tan-nar ta' veru. Għaldaqstant,

din il-kategorija tista' tintlaqat mid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jista' jkun hemm dwar ir-repliki.

8.3. Il-bejjiegħa bl-imnut jirrappreżentaw probabbilment il-kategorija soċjoprofessjonali l-aktar ikkonċernata mir-regolamenti nazzjonali dwar il-bejgħ ta' repliki. F'ċerti pajjiżi, dan jista' jsir biss fi ħwienet professjonali tal-armi jew, tal-inqas, ma jistax isir aktar fi ħwienet tal-ġugarelli.

9. KONKLUŻJONIJIET

9.1. Ta' min wieħed isemmi li disa' Stati Membri ma jintegrawx, jew ma jintegrawx verament, il-kunċett ta' replika fil-liġi tagħhom u ma għandhomx problema kbira ta' ordni pubblika marbuta mal-użu ta' repliki, filwaqt li 15-il Stat Membru ieħor ma jirrappurtawx problemi partikolari jew sinifikanti fit-trasferimenti jew importazzjonijiet li ġejjin minn pajjiżi oħrajn. Huwa biss għadd żgħir ta' Stati Membri, li l-liġijiet nazzjonali tagħhom dwar ir-repliki huma aktar restrittivi, li xi kultant jesprimu tħassib marbut mal-movimenti transkonfinali ta' repliki tal-armi tan-nar. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jeżistu għalhekk ftit elementi li jindikaw li armonizzazzjoni Ewropea tal-liġijiet nazzjonali dwar ir-repliki ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, permezz tal-eliminazzjoni ta' ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija, jew inkella t-tneħħija ta' distorzjonijiet fil-kompetizzjoni.

9.2. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom diġà marġni ta' diskrezzjoni reali fil-promulgazzjoni tar-regoli tat-tqegħid fis-suq u tal-użu tar-repliki[7]. Dawn ir-regoli nazzjonali ta' tqegħid fis-suq u ta' użu tar-repliki għandhom josservaw il-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija (l-Artikoli 34-36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, it-TFUE) u jibqgħu naturalment bla ħsara għall-miżuri speċifiċi eventwali ta' koperazzjoni tal-pulizija L-Artikolu 34 tat-TFUE jipprojbixxi l-miżuri nazzjonali li jistgħu jostakolaw direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, il-kummerċ intra-Komunitarju. F'dan ir-rigward, regolament minn Stat Membru li jipprojbixxi l-importazzjoni, il-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni jew l-użu ta' repliki ta' armi tan-nar jista' jikkostitwixxi ostakolu għall-kummerċ skont l-Artikolu 34 tat-TFUE.

9.3. Madankollu, huwa ugwalment ċar li tali regolament jista', b'konformità din id-darba mal-Artikolu 36 tat-TFUE, ikun iġġustifikat għa raġunijiet ta' sigurtà pubblika u ta' protezzjoni għas-saħħa u l-ħajja tal-persuni, sakemm, madankollu, ir-regolament inkwistjoni ma jiksirx il-prinċipju tal-proporzjonalità. Jeħtieġ, b'mod partikolari, li l-għan imfittex ikun jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri inqas restrittivi għall-kummerċ fi ħdan l-UE.

9.4. Huwa b'hekk li rigward is-suġġett tar-repliki ta' armi tan-nar, diversi aspetti jistgħu jiġu inklużi sabiex tiġi ġġudikata l-proporzjonalità tal-miżura : jekk nieqfu, b'mod partikolari, sal-karattru assolut jew akkumpanjat bl-eċċezzjonijiet tal-projbizzjonijiet, sal-limitazzjoni tal-projbizzjonijiet ta' bejgħ għax-xerrejja minorenni jew sal-bejgħ

[7] Ta' min jirrileva f'dan ir-rigward li d-Direttiva 91/477/KEE tistabbilixxi l-esklużjoni li ġejja fl-Artikolu 2, 1): "Din id-Direttiva hija bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-ġarr ta' armi."

bl-internet jew sempliċement fuq distanza twila, jew inkella sal-limitazzjoni tal-projbizzjoni ta' użu jew wiri fil-pubbliku.

9.5. Barra minn hekk, il-moviment liberu tar-repliki ta' armi tan-nar fi ħdan l-UE hija ugwalment żgurata mir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE[8]. Dan ir-regolament huwa applikabbli mit-13 ta' Mejju 2009. Huwa jistabbilixxi regoli u proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru meta dawn jieħdu jew ikollhom l-intenzjoni li jieħdu deċiżjoni prevista fl-Artikolu 2(1) tiegħu, li jostakola l-moviment liberu ta' prodott kummerċjalizzat legalment fi Stat Membru u li jaqa' taħt l-Artikolu 34 tat-TFUE.

9.6. Konsegwentement, l-Artikoli 34 u 36 tat-TFUE kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 jippermettu diġà li jiġi żgurat il-moviment liberu ta' dawn il-prodotti fi ħdan l-UE, b'kunsiderazzjoni għat-tħassib ta' sigurtà tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li d-Direttiva 91/477/KEE għandha bħala għan l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

9.7. Għandu jiġi mfakkar ukoll li n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet aktar speċifiċi fil-qafas tar-regolamenti fuq il-livell tal-UE, il-prodotti kollha destinati għall-konsumaturi huma sottomessi għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/95/KE rigward is-sigurtà ġenerali tal-prodotti li jippermettu f'ċerti każijiet lill-Istati Membri li jirtiraw jew isejħu lura mis-suq ċerti prodotti perikolużi.

9.8. Barra minn hekk, l-inklużjoni ta' kull replika fl-ambitu tad-Direttiva 91/477/KE tissottomettihom naturalment għall-globalità tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva. Madankollu għandu jiġi mfakkar li, mill-emenda tagħha mid-Direttiva 2008/51/KE, id-direttiva ssostni diġà r-repliki trasformabbli f'armi tan-nar. Dan fir-rigward ta' ċerti pistoli ta' allarm (jew ta' ċerti repliki destinati sempliċement biex jisparaw il-blanks) li jippreżentaw, mid-dehra tagħhom u l-proċeduri ta' manifattura tagħhom, grad ta' xebh ma' arma tan-nar, b'hekk illi r-rekwiżiti kollha tad-direttiva (b'mod partikolari l-immarkar, it-traċċabbiltà u r-reġistru tal-armi tan-nar) japplikaw mingħajr diffikultà[9].

9.9. Li d-direttiva tiġi estiża għal tipi oħrajn ta' repliki jkun ħafna aktar diffiċili, minħabba li dan jimplika li l-produtturi, il-bejjiegħa mill-ġdid u l-proprjetarji ta' dawn ir-repliki jkunu sottomessi għall-obbligi kollha tad-direttiva. Madankollu, attwalment, l-Istati

---

8 ĠU L 218 13/08/2008, p. 21. Il-premessa (14) ta' dan ir-Regolament tispeċifika li "L-armi huma prodotti li jistgħu jikkostitwixxu riskju gravi għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni u għas-sigurtà pubblika ta' l-Istati Membri. Minħabba l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni u l-prevenzjoni tal-kriminalità, diversi tipi ta' armi speċifiċi kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor jistgħu jkunu suġġetti għall-miżuri restrittivi fi Stat Membru ieħor. Miżuri bħal dawn jistgħu jikkonsistu f'kontrolli u awtorizzazzjonijiet speċifiċi qabel ma' l-armi legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor jitqiegħdu fis-suq ta' Stat Membru ieħor. Għalhekk, huwa meħtieġ li jkun permess għall-Istati Membri li jimpedixxu li l-armi jitqiegħdu fis-swieq nazzjonali tagħhom sa meta jitwettqu kompletament ir-rekwiżiti proċedurali nazzjonali tagħhom."

9 Ara il-premessa (4) tad-Direttiva 2008/51/KE: "L-evidenza mill-intelligence tal-pulizija turi żieda fl-użu ta' armi konvertiti fil-Komunità. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġi żgurat li tali armi konvertibbli jiddaħħlu fid-definizzjoni ta' "arma tan-nar" għall-finijiet tad-Direttiva 91/477/KEE."

Membri huma diġà f'pożizzjoni li jissottomettu għall-awtorizzazzjoni kull detenzjoni, akkwist jew trasferiment ta' xi tip ta' replika b'mod konformi mal-Artikolu 36 tat-TFUE.

9.10. Barra minn hekk, u dejjem f'din l-aħħar ipoteżi, ma jistax jonqos li jitfaċċaw kwistjonijiet delikati fir-rigward, b'mod partikolari, tal-ventilazzjoni tar-repliki kkunsidrati fin-nomenklatura stabbilita fl-Anness 1 tad-Direttiva 91/477/KE li jaqsam l-armi tan-nar f'kategoriji differenti.

9.11. Dawn huma r-raġunijiet għalfejn l-inklużjoni fl-ambitu tad-Direttiva 91/477/KE tar-repliki b'karatteristiċi u għanijiet diversi ma tidhirx mixtieqa, aktar u aktar meta dawk li huma konvertibbli u allura assimilabbli għal arma tan-nar huma minn issa 'l quddiem koperti mid-Direttiva 2008/51/KE.